MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' April, 2004

Talba Numru. 2788/2002

**Joe X Limited**

**Vs**

**Mark Mallia**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm1,280.00c (elf, mitejn u tmenin lira Maltin) rapprezentanti arretrati ta' kera dovuti mill-konvenut lis-socjeta' attrici, rikonoxxuti mill-konvenut fi skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 26 ta' Settembru 2002.

Il-konvenut kien intrabat li jhallas is-somma originali ta' Lm1,690.00c (elf, sitt mija u disghin lira Maltin) permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm100 (mitt lira Maltin) –il wiehed, haga li naqas milli jaghmel bil-konsegwenza li ddekada mill-beneficcju tat-terminu li kien gie koncess lilu.

Bl-ispejjez ta' l-Avviz tat-talba u dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment, flimkien ma' l-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-talba.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------